SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 36-17**

**18 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' fil-għaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**36.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għall-laqgħa.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**36.2.1 CCTV Camera**

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta' 35.2.1 u qal li l-Kunsill għandu jara jekk nistgħux nieħdu is-*supply* tad-dawl mis-*substation* tal-Jogging Track fejn diġa hemm *metre*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**36.2.2 Arbli tad-dawl fuq iz-Zuntier tal-Knisja**

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 35.2.3 u qal li l-Kunsill għandu jikteb hu lill-Enemalta biex dawn iż-żewġ arbli li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja u jmissu ma' Dawret it-Torri jibdew jieħdu s-*supply* mill-i*street lighting*. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb f'dan ir-rigward.

**36.2.3 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras**

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 35.10.2 u staqsa sarx xi ħaġa fir-rigward tal-mistoqsijiet li għamel hu waqt il-laqgħa preċedenti. Il-Viċi Sindku qal li fir-rigward tal-lapida tal-artist Antoine Farrugia, kien qiegħed f'kuntatt mal-Artist dwar il-*wording* tal-lapida.
Fir-rigward taċ-ċint fuq il-*pump room* is-Sindku qal li ser isir ċint b'żewġ filati.

**36.2.4 Kwotazzjonijiet Għall-Xiri ta' *Bollards***

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa jekk kienux inxtraw il-*bollards*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa tkellmet mas-*supplier* u ser tkun qed toħroġ il-*purchase order* uffiċċjali fil-ġranet li ġejjin. Il-Viċi Sindku qal li forsi wieħed jista jikkunsidra li jsir *redesigning* tal-*area* biex din tkun tinkludi sew *parking* għall-*unloading* kif ukoll jitħalla passaġġ minn fejn jgħaddu n-nies.

**36.2.5 Mistoqsija mill-Kunsillier Joe Bonello**

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-*Traffic Light Junction*. Il-Viċi Sindku qal li bħalissa l-kuntrattur li rebaħ it-*tender* qallu li lest biex jibda.

**36.2.6 Skip f'Wied Garnaw**

Is-Sindku rrefera għall-minuta 35.9 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-Ministeru għall-Ambjent kellu jwettaq xogħol ta' tindif fix-xahar ta' Novembru 2017. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb f'dan ir-rigward. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivitx ebda komunikazzjoni uffiċċjali mill-Ministeru biex tkun tista tirreferi għalih. Is-Sindku qal li kienu kitbu lilu u ser jibgħat il-komunikazzjoni bl-*e-mail* biex issir referenza għalih.

**36.2.7 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 34-17 ġew approvati mill-Kunsill.

**36.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**36.3.1 Invoice tal-ACe20**

Il-Kunsill approva il-ħlas tal-*invoice* tal-Ace20 bl-ammont ta' €1098.00 għal servizz marbut mal-Applikazzjoni taħt il-*Europe for Citizens* bil-proġett FLOWS.

**36.3.2 Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Xogħol ta' kisi ta' parti minn Triq il-Pensjeri**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsill lix-xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Pensjeri kien tlesta fil-ħin u ppreżentat l-*invoice* flimkien maċ-ċertifikazzjoni tal-perit fuq ix-xogħol involut. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' din l-*invoice* li kienet tammonta għas-somma ta' €10,539.87.

**36.3.3 Approvazzjoni ta' kwotazzjoni għal manutenzjoni ta' ħajt**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għall-ammont ta' €280.00 biex issir il-manutenzjoni neċessarja fuq ħajt f'Dawret it-Torri li kellu kantun imkisser u diversi knatan oħra imċaqalqa minn posthom.

**36.3.4 Approvazzjoni ta' kwotazzjoni għal manutenzjoni fuq sistema ta' CCTV**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għall-ammont ta' xogħol €500.00 biex jinbidel il-*cable* kollu tas-CCTV *Cameras* fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni. Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienux ser jissewwew ir-*radars* li hemm fl-istess ġnien. Is-Sindku qal li dawn ser jiġu rranġati iżda dan ix-xogħol mhux inkluż fil-kwotazzjoni hawn fuq imsemmija.

**36.3.5 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 36-17 għall-perjodu bejn it-20 ta' Novembru 2017 u l-5 ta' Diċembru 2017 u minn *cheque* numru BOV 6980 sa numru BOV 7002.

## 36.4 *Survey dwar il-Bus Terminus*

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiddiskuti is-*survey* dwar il-*Bus Terminus* u wara jkompli bl-Aġenda. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar. Fil-5.20p.m il-Kunsill irrisolva f'kumitat biex jikkunsidra r-riżultat u r-rakkomandazzjonijiet tas-*survey*.

Il-Laqgħa kompliet fil-5.30p.m.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu r-riżultat tas-*survey* u qed jieħu inkonsiderazzjoni l-opinjoni tar-residenti dwar kif jaħsbuha dwar il-*Bus Terminus*. Huwa qal li għal din il-laqgħa ġew mistiedna wkoll uffiċjali ta' Trasport Malta iżda ma kienx possibli għalihom li jattendu. Is–Sindku kompla jgħid li minn dan is-*survey* jidher ċar li x-xewqa tal-maġġoranza tar-residenti kienet li l-*Bus Terminus* jibqa' fejn hu. Huwa qal li fi ftit taż-żmien ieħor Transport Malta ser ikollha *electric buses* u l-Kunsill ser ikun qed jinsisti li dawn jibdew jintużaw fuq ir-rotta ta' Santa Luċija.

Il-Kunsill ta l-permess lir-residenta li kienet preżenti għall-laqgħa biex tintervjeni fid-diskussjoni. Fil-kummenti tagħha din qalet li ma tistax tibqa' tgħix f'din is-sitwazzjoni. Hija qalet li biex isiru xogħolijiet li joħolqu ħoss, il-liġi tgħidlek li ma tistax tibda qabel is-sebgħa ta' filgħodu u trid tieqaf fis-sebgħa ta' filgħaxija minħabba li l-ħoss ikun ta' nkonvenjent għall-pubbliku. Hija kompliet tgħid li fil-każ tat-trasport pubbliku dan ma jgħoddx għax hi jkollha l-istorbju sal-ħdax ta billejl u mill-ħamsa ta' filgħodu. Resident ieħor stqarr mal-Kunsill li huwa kien għadda mill-istess esperjenza meta l-*Bus Terminus* kien trasferit temporarjament għal Vjal Oleandri kantuniera ma' Trejqet iż-Żahar, sakemm tlestiet Triq Guljetta Lopez.

Is-Sindku qal li l-għada stess kien ser jerġa jmur jiltaqa' ma' rappreżentanti ta' Trasport Malta fuq dan il-każ. Huwa qal li kien diġa' talab li jkun hemm superviżjoni fil-ħinijiet ta' kmieni filgħodu u tard filgħaxija.

Il-Kunsilliera Galea talbet lis-Sindku biex jgħaddi kopja tas-*survey* lill-Transport Malta. Hija qalet li l-Kunsill għamel is-*survey* u ħa nota tiegħu. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kien qabel li jsir *trial period* ta' rotta ċirkulari u li jitwaħħlu arloġġi elettroniċi f'kull venda tar-rotta. Hija ppoponiet li l-Kunsill għandu jibqa' jsostni li għandu jsir dan it-*trial period*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel li dan huwa l-messaġġ lis-Sindku għandu jwassal lill-uffiċċjali ta' Trasport Malta fil-laqgħa li ser ikollu magħhom l-għada ta' din il-laqgħa.

## 36.5 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

### 36.5.1 Resurfacing ta' Toroq Rurali f'Wied Garnaw

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill taħt Measure 4.3, kienet ġiet approvata u magħżula għal *co-financing*. Huwa qal li l-*budget* biex isiru żewġ toroq f'Wied Garnaw huwa €75,240.00(VAT Inkluż) li minnhom il-Kunsill ser jingħata fondi li jammontaw għall-€67,716.00 li huma ekwivalenti għal 90% tal-ispiża nvoluta.

### 36.5.2 Sejħa għal offerti għas-Servizz ta' Perit

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar is-sejħa għall-offerti għal servizz ta' perit peress li l-kuntratt eżistenti jiskadi fi Frar tas-sena 2018. Hija qalet li s-sejħa qed issir bis-sistema tal-*Epps* u tagħlaq fid-19 ta' Jannar 2018. Hija qalet li l-Kunsill irid japprova l-membri tal-E*valuation Committee*. Hija spjegat kif irid jiġi kompost l-*Evaluation Committee* skond linji gwida li ser joħroġ id-Dipartiment Għall-Gvern Lokali. Ġie nutat li waqt il-laqgħa tas-Sindki, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qalet li mhux qed taqbel ma kif qed jiġi propost L-E*valuation Committee*. Il-Kunsill qabel ukoll li l-burokrazija ser tiżdied minflok tonqos.

### 36.5.3 Talba għal dawl ġdid f'Wied Garnaw

Is-Sindku ressaq talba li saret biex ssir *bracket* bil-lampa ma' arblu eżistenti f'Wied Garnaw. Il-Kunsill approva din it-talba.

### 36.5.4 Talba għall-*bollards* fi Triq l-Ibiscus

Is-Sindku ressaq talba li saret minn residenta biex fi Trejqet l-Ibiscus isiru żewġ *bollards*. Ġie nnutat li din it-trejqa li suppost tintuża l-aktar mir-residenti li għandhom il-*garage* f'din it-trejqa, qed tiġi abbużata minn trakkijiet li jgħaddu minn hemm biex ma joqogħdux iduru d-dawra.

### 36.5.5 Laqgħa Reġjonali 30 ta' Novembru 2017

Is-Sindku rrefera għall-*e-mail* li bagħt il-Viċi Sindku fir-rigward tal-laqgħa reġjonali li saret fit-30 ta' Novembru 2017. Huwa stieden lill-Viċi Sindku biex jesprimi l-kummenti tiegħu. Il-Viċi Sindku qal li minkejja li hu rappreżentant tal-Kunsill fuq il-laqgħat reġjonali u li sa ftit taż-żmien ilu kien ukoll Viċi President tar-Reġjun, dakinhar tal-laqgħa msemmija, li fiha nħatar il-Viċi President il-ġdid, sar manuvrar biex hu ma jkunx preżenti.

**36.5.6 Vandaliżmu**

Is-Sindku tkellem dwar mewġa ta' vandaliżmu li kienet għaddejja bħalissa fil-lokalita'. Huwa semma l-każ ta' resident, ex-kunsillier ta' Santa Luċija li ċartulu t-*tyres* tal-karrozza tiegħu u ġie jagħmel rapport fl-uffiċċju tal-Kunsill. Semma wkoll il-globi li nkisru fi pjazza 7 ta' Lulju kif ukoll l-ħġieġ tat-twieqi tal-Knisja. Il-Kunsill innota wkoll sewqan eseġerat li qed isir f'diversi toroq f'Santa Luċija.

**36.5.7 *Courses* tal-*Computers***

Il-Kunsill qabel li jibgħat avviż lir-residenti f'kull dar dwar *courses* tal-*computer* li ser jiġu organizzati mit-TCTC bl-isem ta' EM Citizen & EM Health. *Community Training for Adults and Elderly.* Il-Kunsill qabel li ma jidħolx fi ftehim biex isir dan il-*course*, qabel ma jkun jaf kemm hemm residenti li lesti jipparteċipaw. Il-Viċi Sindku irrefera għal servizz li qed jingħata minn kumpanija SMS Warriors li għamlu rappreżentazzjoni waqt il-laqgħa tas-Sindki. Huwa qal li dawn qed joffru servizz effiċjenti biex wieħed iwassal messaġġ lir-residenti fi żmien qasir u bi spiża minima. Huwa rrefera għal *mail shot* li ser tintbagħt fir-rigward tal-*Computer Courses* u qal li l-Kunsill jista' wkoll jitlob għal informazzjoni mingħand ir-residenti li jixtiequ jirċievu l-avviżi tal-Kunsill fuq SMS.

**36.5.8 Lista ta' siġar biex jinżabru**

Is-Sindku qal li tħejjiet lista ta' talbiet għal żbir ta' siġar li saru sew mir-residenti kif ukoll mill-membri tal-Kunsill. Huwa qal li din ser tintbagħt għal kummenti tal-membri tal-Kunsill u biex min irid jinkludi xi xogħolijiet oħra ta' żbir ikun jista jagħmel hekk ħalli jsir eżerċizju wieħed**.**

**36.5.9 Proġett Flows**

Is-Sindku fakkar li hemm bżonn li jiġu identifikati l-ġranet li fih ser iseħħ dan il-proġett ħalli jsiru l-arranġamenti neċessarji. Huwa fakkar li dan il-proġett irid isir sa l-aħħar ta' Marzu 2018
Għalkemm issemmew *target dates*, ma kien hemm l-ebda deċiżjoni definitiva f'dan ir-rigward.

**36.5.10 Permessi għall-użu ta' Ġnien is-Serenita'**

Il-Kunsill innota talba għal permess biex isir tieġ żgħir fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li mill-1 ta' Jannar 2018 jimxi strettament mal-Bye-Laws fir-rigward ta' tiġijiet żgħar.

Il-Kunsill innota talba għal permess biex jittieħdu ritratti bil-kostum biex jiġu *showcased* fuq *social media*. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitqiesu bħala attivita' kummerċjali.

**36.6 Ftehim mal-Iskema Dwar Ġbir ta' Skart Separat**

Il-Kunsill iddiskuta l-unika proposta li rċieva l-Kunsill wara li sar kuntatt maż-żewġ operaturi li jħadmu din l-iskema. Il-Kunsill qabel li jidħol fi ftehim mal-Green Pak għas-sentejn li ġejjin.

**36.7 Bring in Site fi Triq Inez Soler**

Il-Kunsill iddiskuta talba biex tersaq il-Bring in Site fi Triq Inez Soler. Qamet diskussjoni u l-Kunsill innota li hemm *blind corner* għal min joħroġ mill-*parking area*. Għaldaqstant, fuq suġġeriment tal-Kunsillier Joe Bonello, ġie deċiż li ssir mera faċċata tal-ħruġ minn gol *parking area* biex turi d-dawra għal Triq Ġuljetta Lopez.

**36.8 Laqgħa tal-lokalita'**

Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa tal-Lokalita' għas-sena 2018 issir nhar is-Sibt, 13 ta' Jannar 2018. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tħejji rapport Amminstrattiv għas-sena 2017 kif ukoll Pjan ta' Ħidma għas-sena 2018 u tibgħatu għal kummenti tal-Kunsill permess ta' Memo qabel il-Laqgħa.

**36.9 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**36.9.1 Mistoqsija tal-Viċi Sindku**

Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar is-siġar li ser jinqalgħu mill-Jogging Track minħabba l-proġett tat-tunnels f'Tal Barrani Road, il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lill-Transport Malta biex taqla dawn is-siġar f'dan iż-żmien opportun meta s-siġar ikunu reqdin.

**36.10 Awguri tal-Milied**

Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill biex iwasslu messaġġ ta' awgurju għal żmien il-Milied.

**36.10.1** Il-Kunsilliera Caroline Galea irringrazzjat lill-Kunsill għal sena ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita'. Filwaqt li awgurat xewqat sbieħ lill-kulħadd għamlet appell biex titqajjem aktar premura biex min jixrob ma jsuqx. Hija qalet li l-inċidenti li jsiru minħabba sewqan taħt l-influenza tax-xorb żejjed iħarbtu l-ħajja ta' familji sħaħ.

**36.10.2** Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li għaddiet sena oħra nikkritikaw lil xulxin biex naħdmu aktar. Huwa qal li l-Kunsill irnexxielu jimxi b'mod aktar għaqli u kordinat. Filwaqt li awgura lil sħabu l-aqwa xewqat huwa semma lil min jinsab jgħix waħdu u qal li hi waħda mill-missjonijiet tal-Kunsilliera li jżuru dawn in-nies li jinsabu waħedhom.

**36.10.3** Il-Kunsillier Joe Bonello qal li jaqbel ma' l-appell tal-Kunsillier Sciberras fir-rigward ta' nies li jinsabu waħedhom. Huwa appella lir-residenti biex iżuru qrabathom li jinsabu jgħixu f'San Vincent de Paule. Huwa qal li l-Kunsill ħadem id f'id u awgura xewqat sbieħ lil kulħadd.

**36.10.4** Il-Viċi Sindku irringrazzja lil kulħadd u qal li għalkemm mhux dejjem ikun hemm qbil f'dak li jingħad, dejjem naħdmu għal ġid tal-kommunita'. Huwa qal li filwaqt li qed nersqu lejn tmiem din il-legislatura, s-sena d-dieħla l-Kunsill irid jaħdem fuq sfidi kbar. Huwa semma l-proġett tat-*tunnels* fi Triq tal-Barrani u qal li l-Kunsill għandu jisħaq biex isiru *sound barriers* biex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti ta' Triq il-Ġnien. Huwa awgura l-isbaħ xewqat lill-kulħadd.

**36.10.5** Is-Sindku qal li xtaq jingħaqad mal-Kunsill fl-awgurju li taw lil xulxin u qal li hu jqis il-Kunsill bħala t-tieni famija tiegħu. Huwa qal ukoll li xtaq jiskuża ruħu għal xi affarijiet li kellhom isiru u ma sarux. Semma l-anzjani li jgħixu fid-djar residenzjali u l-persuni bi bżonnijiet speċjali u qal li għandna niftakru fihom f'dawn iż-żminijiet. Huwa awgura għal aktar ħidma fis-sena li ġejja.

**36.10.6** Is-Segretarju Eżekuttiv awgurat xewqat sbieħ lill-kulħadd u rringrazzjat lill-Kunsill tal-appoġġ. Hija appellat lil Kunsill biex jibqa' magħqud għal aktar ħidma b'risq il-lokalita' u l-komunita' ta' Santa Luċija.

**35.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fil-7.00p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018 fl-4.00p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

**Terrence Ellul**
**Sindku**

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**